MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 1128/2005

**Andy Gatesy (PP 500263399) bhala Chairman, Claude Farrugia (ID 507973M) bhala Segretarju, William Wait (ID 253668M) bhala Tezorier**
**u Paul Sapiano (ID 959547M), Sophia Backlund (PP 09479617), Marcel Cassar (ID 632449M), Paul Brincat (ID 134749M) u Claude Balzan**
**Demajo (ID 45870M) bhala membri ta' BIETA (Bulebel Industrial Estate Tenants Association)**

**Vs**

**Muscat Technology Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' tlett mija u tlieta u sebghin lira Maltin u disgha u ghoxrin centezmu (Lm373.29c) rapprezentanti s-

*service charge* annwali dovuta lill-Assocjazzjoni attrici ghas-sena 2004 (inkluz VAT bil-18%).

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-atturi u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' tlett mija u tlieta u sebghin lira Maltin u disgha u ghoxrin centezmu (Lm373.29c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------